**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 1 ta' Dicembru 2000**

**Rikors Nru: 17A/99**

**Anthony Baldacchino u Joseph Baldacchino**

**vs**

**Anthony Abdilla u Carmela Abdilla**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma jikru ir-raba maghrufa bhala "Il-Kaxxa" sie tal-Miksur ta' cirka kejl sebgha tomniet u nofs (7.57) fl-arja maghrufa tal-Horfa limiti tal-Gudja, versu l-qbiela ta' seba' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm7.50) fis-sena u cioe cirka Lira it-tomna li jithallas kull Santa Marija b'sena b'lura;

Illi l-esponenti jixtiequ jvarjaw l-kundizzjonijiet tal-kirja billi jghollu l-kera ghal seba' liri Maltin (Lm7) it-tomna u r-ragunijiet huma li dan ir-raba kien tqabbel lill-intimati fis-snin hamsinijiet u gie konvertit f'raba saqwi is-sena kollha; fil-principju l-intimati diga' accettaw illi l-qbiela jigi rdoppjat ghal erbatax il-lira (Lm14);

Talbu sabiex dan il-Bord joghgbu japprova l-kundizzjoni proposta mill-esponenti fis-sens illi l-qbiela fuq l-eghlieqi kollha fuq imsemmija joghla minn qbiela ta' seba' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm7.50) fis-sena u cioe' cirka Lira it-tomna li jithallas kull Santa Marija b'sena b'lura ghal seba liri Maltin (Lm7) it-tomna fis-sena li jithallas kull Santa Marija b'lura u dan taht dawk il-provvedimenti li l-Bord joghgbu jaghti.

Ra r-risposta tal-intimati (fol 4 tal-atti) li biha esponew illi huma jopponu t-talbiet tar-rikorrenti kemm ghaliex ir-rikors taghhom huwa bbazat fuq

premessi skorretti u kemm ghaliex, fi kwalunkwe kaz, iz-zieda mitluba hija esagerata.

Ra d-digriet moghti fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2000 (fol 7 tal-istess atti), kif ukoll id-dokument markat Dok. AB a fol 10 tal-atti u prezentat mill-istess rikorrenti oltre fol 11 u 12 ibid.

Ra ir-rapport sottomess mill-Periti Teknici ta' dan il-Bord (fol 15 u 16 ibid).

Ikkunsidra

Illi l-istess Periti Teknici iffurmaw il-qbiela xieraq tar-raba in kwistjoni fl-ammont ta' Lm21 fis-sena a bazi tar-rata ta' Lm3 kull tomna u dan minhabba ir-ragunijiet specifikati fir-rapport imsemmi li ghandu jigi anness ma' dan id-decizjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jiffissa l-qbiela fuq ir-raba maghrufa bhala "Il-Kaxxa" sija "Tal-Miksur" ta' kejl ta' madwar sebat itmiem u nofs u sitwata fil-lokalita' tal-Horfa fil-limiti tal-Gudja fl-ammont ta' Lm21 fis-sena pagabbli kull sena b'lura kull 15 ta' Awissu bl-ewwel skadenzi dovuta fil-15 ta' Awissu 2001.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha.

Alan Calleja
Dep.Reg.